Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0147(COD)**

**9053/22**
**ADD 4**

**CONSOM 115**
**MI 387**
**COMPET 331**
**EF 137**
**ECOFIN 425**
**DIGIT 96**
**CODEC 687**
**CYBER 168**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Mejju 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | SWD(2022) 142 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 142 final.

---

Mehmuż: SWD(2022) 142 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.5.2022
SWD(2022) 142 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**PROPOSTA GĦAL**
**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2011/83/UE fejn jidħlu l-kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod u li tħassar id-Direttiva 2002/65/KE**

{COM(2022) 204 final} - {SEC(2022) 203 final} - {SWD(2022) 141 final}

**Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv**

Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-Rieżami tad-Direttiva 2002/65/KE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur.

**A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni**

**X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?**

Il-**problemi ġenerali** huma: 1) **nuqqas ta' koerenza u t-tnaqqis tar-rilevanza** tad-Direttiva minħabba trikkib ma' leġiżlazzjoni orizzontali u speċifika għall-prodott; 2) il-**konsumaturi** li jużaw is-servizzi finanzjarji permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod **mhumiex protetti biżżejjed u jiffaċċjaw detriment** (għarfien limitat tal-konsumatur dwar l-elementi u l-kostijiet ewlenin ta' xi servizzi finanzjarji, użu subottimali tad-dritt tal-irtirar, prattiki ġodda tas-suq li jisfruttaw xejriet fl-imġiba tal-konsumatur); u 3) il-**kompetittività tas-suq uniku** għas-servizzi finanzjarji mibjugħa permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod **ma ntlaħqitx kompletament**.

Il-kawżi ta' dawn il-problemi huma: **qafas regolatorju li jonqos** milli jiżgura ċ-ċertezza legali; **ġibdiet lejn tipi ta' imġiba** li jiġu sfruttati mill-fornituri ta' servizzi finanzjarji; u **ostakli** għaż-żieda possibbli fil-forniment **transfruntier** ta' prodotti finanzjarji. Il-**konsegwenzi** ta' dawn il-problemi għall-**konsumaturi** huma: detriment jekk jixtru prodott mhux sodisfaċenti; nuqqas ta' fiduċja suffiċjenti bħala bażi għall-użu ta' servizz finanzjarju, kemm fil-pajjiż ta' oriġini tal-UE tal-konsumatur kif ukoll/jew transfruntier; u telf ta' benesseri li jirriżulta. Għan-**negozji**, il-**konsegwenzi** huma: kundizzjonijiet mhux ekwi; kostijiet addizzjonali ta' konformità u telf ta' benesseri minħabba n-nuqqas ta' realizzazzjoni tal-potenzjal tas-suq uniku. **Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni**, din is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi.

**X'għandu jinkiseb?**

L-objettivi ġenerali tar-rieżami tad-Direttiva huma 1) li **jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju**, filwaqt li tiġi żgurata aktar ċarezza għall-partijiet ikkonċernati kollha u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; 2) li **jitnaqqas id-detriment u jiġi żgurat livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni** għall-konsumaturi li jixtru servizzi finanzjarji mill-bogħod; u 3) biex **jiġi ffaċilitat il-forniment transfruntier** ta' servizzi finanzjarji u l-kompetittività tas-suq uniku. Dan huwa konformi mal-objettivi oriġinali tad-Direttiva.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?**

Ir-reviżjoni twassal għal **qafas leġiżlattiv aktar ċar** li jiżgura ċ-**ċertezza legali**, filwaqt li jissalvagwardja l-karatteristika tax-"xibka ta' sikurezza". Drittijiet orizzontali tal-konsumatur li jkopru s-servizzi finanzjarji attwali u futuri li jidhru fis-suq jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-UE.

**B. Soluzzjonijiet**

**Liema huma għażliet differenti biex jintlaħqu l-objettivi? Hemm għażla preferuta jew le? Jekk le, għaliex?**

L-għażliet ivvalutati huma: **Għażla 0**: xenarju tal-ebda bidla fil-politika; **Għażla 1**: tħassir tad-Direttiva u miżuri mhux regolatorji; **Għażla 2:** reviżjoni komprensiva; **Għażla 3a**: dispożizzjonijiet rilevanti introdotti fil-leġiżlazzjoni orizzontali; u **Għażla 3b**: dispożizzjonijiet rilevanti introdotti f'leġiżlazzjoni speċifika għall-prodott. Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt, l-għażla preferuta tkun l-**Għażla 3a**: it-**tħassir, il-modernizzazzjoni tad-drittijiet rilevanti u mdaħħla fil-leġiżlazzjoni orizzontali**, jiġifieri d-Direttiva 2011/83/UE dwar id-drittijiet tal-konsumatur (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur).

| |
|---|
| **X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġja liema għażla?** |
| L-**organizzazzjonijiet tal-konsumatur** għandhom it-tendenza jiffavorixxu reviżjoni komprensiva tad-Direttiva (l-Għażla 2), iżda jistgħu jaċċettaw tħassir u l-inserzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni orizzontali (l-Għażla 3a). Il-**forrnituri tas-servizzi finanzjarji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju** jippreferu x-xenarju bażi jew l-Għażla 3b (it-tqegħid tad-drittijiet tal-konsumatur f'leġiżlazzjoni speċifika għall-prodott). L-**awtoritajiet pubbliċi** jemmnu li l-aħjar għażla hija li partijiet tad-Direttiva jiġu inkorporati f'leġiżlazzjoni orizzontali (l-Għażla 3a). |
| **C. Impatti tal-għażla preferuta** |
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-għażla preferuta hija mod **effettiv** kif jinkisbu l-objettivi speċifiċi, kif ukoll tkun **effiċjenti**, b'mod partikolari għall-konsumaturi, u tiżgura livell għoli ta' **koerenza**. L-għażla mistennija jkollha effett pożittiv b'mod ġenerali fuq il-**fiduċja tal-konsumatur** billi tintroduċi regoli ġodda dwar kif u meta l-informazzjoni għandha tingħata lill-konsumaturi u billi tillimita l-prattiki li jisfruttaw ix-xejriet fl-imġiba, bħall-użu ta' għażliet prestabbiliti. Dan se jimmodernizza wkoll id-dritt ta' rtirar billi jagħmel l-eżerċizzju ta' dan id-dritt aktar sempliċi. L-għażla jkollha effett pożittiv fuq it-**tnaqqis tad-detriment tal-konsumatur** (mill-inqas **EUR 170–210 miljun**). |
| **X'inhuma l-kostijiet tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-adozzjoni tal-għażla preferuta tirriżulta f'**kostijiet addizzjonali ta' darba u rikorrenti** għan-negozji. Dan għaliex il-miżuri taħt din l-għażla ta' politika jkunu jeħtieġu li l-forrnituri tas-servizzi jiffamiljarizzaw ruħhom mad-Direttiva mtejba dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, jadattaw is-sistemi tal-IT tagħhom, iħarrġu l-persunal, jaġġornaw is-siti web tagħhom u jaġġornaw il-kuntratti. Wara l-implimentazzjoni inizjali tal-bidliet, mhi mistennija l-ebda żieda sinifikanti fil-kostijiet rikorrenti. Din l-għażla tinvolvi madwar **EUR 19-il miljun** f'kostijiet għan-negozji. |
| **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?** |
| Skont l-analiżi tal-istudju ta' appoġġ u l-feedback mill-partijiet ikkonċernati, l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) ma għandhomx jiġu affettwati b'mod sproporzjonat meta mqabbla ma' intrapriżi akbar. It-tipi ewlenin ta' impatti identifikati f'din il-valutazzjoni japplikaw ukoll b'mod proporzjonat għall-SMEs. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| L-għażla preferuta tkun tinvolvi xi **kostijiet ta' darba u rikorrenti għall-awtoritajiet nazzjonali**. L-awtoritajiet iġarrbu xi kostijiet ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni matul il-fażi tal-adozzjoni, iżda dawn ma jkunux ta' piż żejjed, peress li d-dispożizzjonijiet ġodda huma minimi. Se jiġġarrbu kostijiet addizzjonali ta' monitoraġġ u infurzar minħabba l-introduzzjoni ta' regoli ġodda, bħall-projbizzjoni tal-għażliet prestabbiliti u l-adattament ta' regoli ta' preżentazzjoni għal kanali ta' distribuzzjoni differenti. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| L-inizjattiva mistennija **tissimplifika l-qafas legali** billi **tħassar** id-Direttiva, filwaqt li żżomm il-karatteristika tax-**"xibka ta' sikurezza"** billi ddaħħal artikoli rilevanti tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-konsumatur. Ir-regoli l-ġodda dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji tal-konsumatur se jibbenefikaw ukoll mill-applikazzjoni ta' ċerti regoli tad-Direttiva attwali dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. |

| Proporzjonalità? |
| --- |
| L-**għażla ppreferuta mhux se tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ** sabiex jintlaħqu l-objettivi. L-inizjattiva se tkopri biss dak li l-pajjiżi tal-UE ma jistgħux jiksbu waħedhom u biss l-oqsma fejn il-piż u l-kostijiet amministrattivi jkunu proporzjonati mal-objettivi speċifiċi u ġenerali li jridu jintlaħqu. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Il-Kummissjoni se **timmonitorja l-implimentazzjoni** tal-politika magħżula, jekk tiġi adottata, wara l-adozzjoni tagħha. Lista ta' indikaturi ta' monitoraġġ fil-valutazzjoni tal-impatt se sservi bħala bażi għall-evalwazzjoni li jmiss. |